MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Numru 1500/2007

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

Paul Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identità numru 658654M, akkuzat talli fil-15 ta' Gunju, 2007, ghall-habta ta' 12:15p.m., fi Triq it-Tlett Ibliet, Bormla, saq vettura Nru. IAW-092:

1. b'manjiera traskurata
2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' mutur Nru. FBT-201 u

involontarjament kkagunalu hsarat ghad-dannu ta' Stanislaus Caruana
3. involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stanislaus Caruana skond kif iccertifikat Dr Roberta Callus M.D. ta' S.L.H.

Il-prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat il-verbal tal-lum.

Fuq l-iskorta tal-istess u l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati.

Rat l-Artikolu 225 u 226(1)(b) tal-Kap 9. Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum u tiskwalifikah mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal zmien tmien t'ijiem mill-lum wara li rat l-Artikolu 15(1)(c) tal-Kap 65.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------